MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 161/2010

**Kordin Grain Terminal Limited**
**(C – 10766)**

**vs**

**Is-Sur John Attard Kingswell bhala d-direttur tad-Dipartiment Ghal Sahha Ambjentali, in rapprezentanza tal-istess,**
**U**
**Dr. Ray Busuttil bhala d-direttur tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika u bhala c-*chairperson* tal-Kummissjoni ghas-Sigurta` fl-Ikel, in rapprezentanza tal-istess**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat id-19 ta’ Frar, 2010, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi hi topera fis-settur tal-importazzjoni u ri-esportazzjoni ta’ qmugh u cereali fost affarijiet ohra mit-*terminal* tal-qamh ta’ Kordin;

2. Illi fit-28 ta’ Jannar, 2010, giet avzata mill-ufficjali principali hemm riferiti illi konsenja ta’ 2,741.00 tunnellata metrika ta’ qamh hemm ukoll indikat, kien milqut minn *Rapid Alert Notification* mahruga mill-awtoritajiet Taljani fl-4 ta’ Jannar, 2010;

3. Illi din in-notifika nharget *ai termini* tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Numru 178/2002 tat-22 ta’ Jannar, 2002;

4. Illi r-regolament *de quo* jistabbilixxi l-principji generali, il-htigijiet u l-proceduri rigwardanti kwistjonijiet ta’ sigurta` ta’ l-ikel;

5. Illi skont l-artikolu 7 (1) (c) tal-Att dwar is-Sigurta` fl-Ikel, Kap 449 tal-Ligijiet ta’ Malta hi l-Kummissjoni ghas-Sigurta` tal-Ikel stabbilita skont l-artikolu 5 tal-imsemmi Kap li:

“tamministra sistema efficjenti u effettiv ghal ghassa rapida, gbir lura ta’ prodott u tnehhija ta’ prodott biex tipprotegi l-konsumatur minn kull riskju li jkun gie identifikat jew suspettat fi prodott li jkunu diga disponibbli ghall-konsumatur”;

6. Illi kienet din il-Kummissjoni ndikata fil-paragrafu precedenti li kienet giet identifikata mill-Gvern Malti bhala l-awtorita` lokali responsabbli minn notifikazzjoni in dizamina;

7. Illi l-awtoritajiet koncernati ma mxewx ma’ dan ir-regolament;

8. Illi fil-kaz in dizamina n-notifikazzjoni *de quo* giet notifikata 24 gurnata wara li nhareg;

9. Illi l-konsenja b’total ta’ 2,905.145 tunnellata metrika qamh waslet it-*terminal* ta’ Kordin fis-7 ta’ Jannar, 2010, mal-vapur MV Ermis;

10. Illi parti mill-konsenja *de quo* giet f’kuntatt mal-ilma bahar u mmedjatament is-socjeta` rikorrenti ghamlet l-arrangamenti necessarji biex il-parti effettwata, (164.145 tunnellata metrika), tintrema’ taht supervizjoni u bil-permessi necessarji;

11. Illi biex tivverifika l-istat u l-kwalita` tal-prodott rimanenti in dizamina giet inkarigata socjeta` specjalizzata, *General Superintendence Company Limited*, li rrilaxxat certifikat li l-prodott rimanenti kien ghadu ta’ kwalita` tajba;

12. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ma setghetx tigi mizmuma milli titrasporta l-qamh *de quo*;

13. Illi s-socjeta` rikorrenti giet indirizzata biex tikkorrispondi ma’ l-intimat Attard Bezzina fil-kapacita` ufficjali tieghu, izda baqghet minghajr risposta;

14. Illi ghalhekk mhux possibbli ghaliha li tonera l-obbligi kontrattwali ma’ terzi u ghalhekk ukoll, qed tigi esposta ghad-danni;

15. Illi in vista tal-premess aderiet din il-qorti biex hawn l-intimati jghidu ghaliex il-qorti m’ghandhiex:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati, jew min minnhom, qieghdin jonqsu milli jezercitaw l-obbligi taghhom u jikkonstataw li l-mizuri mwettqa mis-socjeta` rikorrenti jwasslu biex il-konsenja rimanenti ta’ 2,741.00 tunnellata metrika ta’ qamh *de quo* m’ghandhiex tibqa’ milquta mir-*Rapid Alert Notification* in dizamina;

ii. Tordna minnufih lill-intimati biex fi zmien perentorju jaghmlu dak kollu necesarju biex jivverifikaw u jaccertaw li l-mizuri mwettqa mis-socjeta` rikorrenti ghandhom iwasslu biex il-qamh rimanenti fuq riferit

m'ghandux jibqa' milqut minn Notifikazzjoni fuq riferita u konsegwentement jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Awtorita` Ewropea dwar is-Sigurta` fl-Ikel li l-mizuri li ttiehdu mis-socjeta` rikorrenti jwasslu li n-Notifikazzjoni *de quo* tigi revokata jew amendata b'mod li ma tolqotx il-konsenja ta' qamh rimanenti fuq riferita;

iii. Bl-ispejjez u b'riserva ghad-danni;

Rat ir-rikors kongunt ghar-rikors guramentat promotur, ukoll datat id-19 ta' Frar, 2010, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, is-socjeta` rikorrenti talbet li l-istess rikors promotur jigi appuntat u mismugh bl-urgenza, (ara fol 35);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-2 ta' Marzu, 2010, fejn wara li ddekretat li rat ir-risposta tal-intimati, cahdet it-talba ghall-urgenza a bazi tar-ragunijiet imsemmija fl-istess risposta, (ara fol 37);

Rat ir-risposta tal-intimati ghar-rikors guramentat promotur datata s-26 ta' Frar, 2010, li permezz tieghu sintetikament wiegbu s-segwenti:

1. Illi l-intimat Attard Kingswell gie mharrek inutilment stante li ma jirraprezentax lid-Dipartiment tas-Sahha u konsegwentement, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti, kuntrarju ghal dak minnha allegat, mhix prekluza milli tesporta l-merkanzija *de quo* u l-qamh involut jista' facilment jintbaghat lejn il-Kanada minn fejn origina;

3. Illi l-qamh *de quo* wasal Malta bil-vapur fis-7 ta' Jannar, 2010, bhala *transhipment*, u allura ma jgawdix mill-istatus ta' *free circulation* fl-Unjoni Ewropea;

4. Illi l-qamh gie Malta minn Bari fejn kien gie rrifjutat milli jitnizzel fl-Italja u l-awtoritajiet hemm koncernati ordnaw li l-qamh jittiehed lura l-Kanada;

5. Illi konsegwenza tar-rizultanzi misjuba mill-awtoritajiet Taljani dawn skattaw "*Rapid Alert System for Food & Feed*" biex jinfurmaw Stati Membri ohra tal-Unjoni Ewropea bil-problema rigwardanti s-sigurta` tal-ikel u ghalf riskontrata u biex allura dan ma jithalliex jidhol f'xi pajjiz Membru tal-imsemmija Unjoni;

6. Illi l-intimati gew infurmata bis-suespost fit-28 ta' Jannar, 2010, fuq informazzjoni lilhom mghoddija mid-Dwana;

7. Illi s-socjeta` rikorrenti giet infurmata b'dan kollu mmedjatament ghalkemm jirrizulta li l-istess socjeta` rikorrenti gia` kienet konsapevoli tal-akkadut, u li parti mill-konsenja gia` kienet intremiet il-bahar taht is-sorveljanza u bil-permess tal-awtoritajiet lokali;

8. Illi l-informazzjoni mitluba mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti ma nghatatilhomx;

9. Illi pero` l-istess socjeta` rikorrenti nfurmat lill-intimati li l-kumplament tal-konsenja kien ser tintbaghat l-Ingilterra jew l-Irlanda li ma setax isir minhabba l-"*Border Rejection*" li originat mill-Italja enforzabbli ma' l-Unjoni Ewropea kollha;

10. Illi ghalhekk l-intimati nfurmaw lis-socjeta` rikorrenti li l-qamh seta' biss jintbaghat il-Kanada;

11. Illi l-obbligu tal-intimati hu li jaccertaw ruhhom li ma jsirx abbuz fil-qasam in dizamina u ghalhekk, qatt ma setghu jikkondonaw il-proposta li l-qamh *de quo* jintbaghat l-Ingilterra jew l-Irlanda kif propost;

12. Illi *di piu`*, la parti mill-konsenja in dizamina ikkontaminat ruhha u giet dikjarata hazina, allura l-konsenja kollha, fl-intier taghha kienet hazina;

13. Illi in vista tal-premess, l-intimati jitolbu li din il-qorti tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

Rat ir-rikors ulterjuri tas-socjeta` rikorrenti datat il-11 ta' Marzu, 2010, li ghar-ragunijiet hemm esposti talbet li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet precedenti datat it-2 ta' Marzu, 2010, fuq gia` riferit, biex minflok tordna s-smiegh bl-urgenza tal-procedura, (ara fol 53);

Rat ir-risposta tal-intimati datata t-18 ta' Marzu, 2010, fejn wara li rribadew l-argumenti fuq gia` esposti talbu li t-talbiet kif dedotti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, (ara fol 61);

Rat in-nota tas-socjeta` rikorrenti datata l-31 ta' Mejju, 2011, li permezz taghha cediet il-kawza odjerna stante li l-meritu gie ezawrit ghalkemm b'rizerva ghall-ispejjez, (ara fol 84);

Illi bid-digriet taghha wkoll datat kif indikat fil-paragrafu precedenti, il-kawza thalliet ghall-provi dwar il-kap tal-ispejjez, (ara fol 83);

Rat id-digriet datat it-13 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu wara li l-partijiet talbu li jkunu awtorizzati jitrattaw il-kaz permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet, gew debitament awtorizzati jipprezentaw l-imsemmija noti fil-modalita` hemm indikata, (ara fol 139);

Semghet biss it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentant legali tal-intimati stante li dak tas-socjeta` rikorrenti ma deherx;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat ix-xhieda kollha kollezzjonata fl-atti;

Ikkunsidrat:

Illi d-decizjoni odjerna hi ghalhekk wahda limitata biss fuq il-kap tal-ispejjez stante li fil-meritu, is-socjeta` rikorrenti ghazlet li tirrinuncja ghall-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan ir-rigward partikolari ndikat fil-paragrafu precedenti ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

1. Illi l-fatti *in specie* jirrigwardaw konsenja konsiderevoli ta' qamh li kien twassal Malta bil-vapur MV Ermis u ddahhal fit-terminal ta' Kordin fis-7 ta' Jannar, 2010;

2. Illi din il-konsenja ntbaghtet minn Bari li pero` meta l-kontenut kien gie spezzjonat mill-awtoritajiet kompetenti Taljani dawn ikkonkludew li "*non sono risultate idonee all'uso alimentare umano …*" (ara certifikat rilaxxat mill-*Ministero della Salute*, 30 ta' Dicembru, 2009, fol 40);

3. Illi konsegwenza tal-istess kontaminazzjoni, kif dovuti bir-regolamenti vigenti Ewropei fuq riferiti, skatta ordni mmedjat mal-Unjoni Ewropea kollha li l-konsenja kollha tal-qamh in dizamina kienet kontaminata u peress li allura dan ma kienx tajjeb ghal konsum uman, il-konsenja *de quo* ma setghetx tiddahhal fil-gurisdizzjoni tal-istess Unjoni;

4. Illi dak li allura ppruvat taghmel is-socjeta` rikorrenti li filwaqt li tarmi l-qamh kontaminat, timporta l-qamh rimanenti f'Malta jew tesportah l-Ingilterra jew l-Irlanda, ilkoll Stati Membri tal-Unjoni *de quo* fejn tali alternattivi mhux biss kienu illeciti w illegali, izda ta' perikolu enormi ghall-konsumatur – haga li l-apparat Ewropew li skatta fir-rigward, proprju skatta biex jipprotegi lill-konsumatur minn tali mekkanizmi malefici;

5. Illi kull ma jirrizulta li ghamlu l-intimati hu li enforzaw dawn l-istess regolamenti Ewropei u b'hekk kienu ta' balward ghall-konsumatur injar, Malti, Ingliz u Irlandiz;

6. Illi ghalhekk, din il-qorti ma ssib assolutament xejn x'ticcensura fir-rigward tal-agir tal-intimati anzi minflok tissottolinea s-serjeta` u d-determinazzjoni taghhom fir-rigward, u dan, fl-interess tas-sahha tal-konsumatur;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant tqis li l-procedura odjerna kif intrapriza mis-socjeta` rikorrenti kienet wahda pjuttost azzardata u turi li fl-operat taghha r-raguni kummercjali tissupera r-raguni sanitarja li minflok ghandha tkun principi;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess taqta' u tiddeciedi li l-ispjjez tal-procedura odjerna ghandhom ikunu a karigu esklussiv tas-socjeta` rikorrenti u ghalhekk, tillibera lill-intimati fuq riferiti minn kull responsabbilita` fir-rigward tal-istess spejjez.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------